**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 28 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 23**

**Avviz Nru: 1820/01 JB**

**Elmo Insurance Agency Limited**

**vs**

**Arnold Fenech**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal- konvenut ghall-hlas ta' Lm 106.40c (mija u sitt liri Maltin u erbghin centezmi) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala premium fuq poloz ta' sigurta mahruga favur tieghu.

Il-kumpanija attrici kienet interpellat lill-konvenut kemm il-dabra biex ihallas u sa anke baghtiltlu ittra ufficjali fis-17 ta' Awissu

2000 kif ukoll in segwitu ittra legali fil- 11 ta' Gunju 2001 (Dok. A) izsa ghalkemm kien ghamel xi pagamenti illu fadallu jaghti l-imsemmija somma.

Ghalhekk il-kumpanija attrici titlob li dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut biex ihallasha l-imsemmija somma ta' mija u sitt liri Maltin u erbghin centemzmi (Ln 106.40c) dovuta lilha bhala bilanc ta' somma akbar ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali fuq imsemmija (Dok A) u bl-imghax ta' 8 % fis-sena mis- 17 ta' Awissu, 2000 data tal-imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenut li gie mharrek ghas-subizzjoni.

Ra li l- konvenut baqgha ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema lill- Dr. David Harding jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici w jikkundanna lis-socjeta attrici thallas is-somma ta'  Lm 106.40c (mija u sitt liri Maltin u erbghin centezmi) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala premium fuq poloz ta' sigurta mahruga favur tieghu, bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**